MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Numru 475/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian J. Abdilla)**

**vs**

**Sandro Schembri Adami**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Sandro Schembri Adami** ta' 41 sena iben Yvonne u Francis *nee'* Brincat, imwieled Valletta fil-25 t'Awissu 1963 u residenti 15, Flat 17, Vincenti Biuldings Valletta u detentur tal-karta tal-identita nurmu 488863M;

Talli f'dawn il-Gzejjer, fl-24 ta' Settembru 2004, fl-20 ta' Dicembru 2004 u fi zmien ta' wara, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

Talli approprajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna jew persuni ohra, minn somma ta' flus li globalment tilhaq l-ammont ta' Lm1325 liema somma ta' flus kienet tappartjeni lil Alfio Mirabile, Nunzia di Stefano u Filippo di Stefano u li gew fdati lilek minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghek, jew minhabba depozitu necessarju, taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-flus jew li jsir uzu minnhom specifikat, u cioe' li jigu kkonsenjati lil Gvern ta' Malta bhala hlas ta' bolol ghad-detriment tal-istess persuni msemmija u dan bi ksur tal-artikoli 293, 294 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-avukat generali tas-16 ta' Mejju 2007 kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kawza kontra tieghu tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat illi fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2008, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu. Stante ammissjoni, l-Qorti tqis illi l-akkuzi huma pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputat hati;

Rat l-artikoli 293, 294 u 310 tal-Kap 9;

Rat il-fedina penali tal-imputat u cioe dik nadifa meta mressaq quddiem din il-Qorti fit-30 ta' Gunju 2005 u dik esebita odjernament fejn jirrizulta illi l-imputat inghata diversi sentenzi fuq akkuzi bhal dik li ghadu kemm instab hati taghha. Stante li qabel il-kommissjoni ta' dan ir-rejat, l-imputat kellu fedina penali nadifa, il-Qorti qed tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' tlettax (13)-il

xahar mil-lum, liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkometti rejat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien sentejn mil-lum ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9;

Il-Qorti fissret lill-imputat l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------